**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tas-26 ta’ Ġunju 2019 — Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-247/18 P)** ([1])

***(Appell — Fond Soċjali Ewropew (FSE) — Programm Operattiv taħt l-Objettiv 1 għar-Reġjun ta’ Sicilia (2000-2006) — Tnaqqis tal-kontribuzzjoni finanzjarja inizjalment mogħtija — Regolament (KE) Nru 1260/1999 — Artikolu 39 — Setgħat ta’ kontroll — Verifiki meħtieġa — Korrezzjonijiet finanzjarji — Kalkolu — Metodu b’estrapolazzjoni)***

(2019/C 280/07)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, P. Gentili, avvocato dello Stato)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Arenas u F. Tomat, aġenti)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

([1]) ĠU C 182, 28.05.2018

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’ Awla) tas-27 ta’ Ġunju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato — l-Italja) — Azienda Agricola Barausse Antonio e Gabriele — Società semplice vs Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (AGEA)**

**(Kawża C-348/18)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Imposta addizzjonali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib — Regolament (KEE) Nru 3950/92 — It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) — Stabbiliment tal-kontribuzzjoni tal-produtturi għall-ħlas tal-imposta addizzjonali dovuta — Allokazzjoni mill-ġdid tal-kwantitajiet ta’ referenza mhux użati — Miżura nazzjonali li talloka mill-ġdid il-kwantitajiet mhux użati abbażi ta’ kriterji oġġettivi ta’ prijorità)***

(2019/C 280/08)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Azienda Agricola Barausse Antonio e Gabriele — Società semplice

*Konvenuta:* Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (AGEA)